

EBA/GL/2016/04

---

19/10/2016

---

## Linji Gwida

---

dwar it-testijiet tal-istress ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE

---

# Werrej

---

<b>1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar</b>	<b>3</b>
<b>2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet</b>	<b>4</b>
<b>3. Implimentazzjoni</b>	<b>5</b>
<b>4. Obiettivi tat-testijiet tal-istress tal-SGD</b>	<b>5</b>
<b>5. Metodoloġija għal testijiet tal-istress tal-SGD</b>	<b>6</b>
5.1 Programmar ta' ċiklu ta' testijiet tal-istress	6
5.2 Fażijiet ewlenin ta' eżerċizzju ta' test tal-istress	7
5.3 Kooperazzjoni ma' awtoritajiet amministrattivi rilevanti	9
<b>6. Xenarji ta' intervent</b>	<b>10</b>
6.1 Funzjonijiet tal-SGD li għandhom jiġu koperti minn xenarji	10
6.2 Għażla ta' istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati li se jiġu inklużi f'xenarji ta' intervent	12
6.3 Severità u kumplessità ta' xenarji	12
<b>7. Oqsma ta' test u indikaturi</b>	<b>13</b>
7.1 Kapaċitajiet operazzjonali	14
7.2 Kapaċitajiet ta' finanzjament	18
<b>8. Testijiet ta' prijorità</b>	<b>19</b>
<b>Anness 1 – Mudell għar-rappurtar tar-risultati</b>	<b>21</b>

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 19.12.2016. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2016/04'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispesifikaw il-prinċipji u l-kontenut minimi ta' testijiet tal-istress li skemi ta' garanzija tad-depożitu ('SGD') għandhom iwettqu skont l-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 2014/49/UE<sup>2</sup>.
6. Dawn jimmiraw li jgħinu lill-awtoritajiet maħtura u l-SGD sabiex iżidu r-reżiljenza tas-sistemi tal-SGD fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jstipulaw livell minimu ta' konsistenza, kwalità u komparabbiltà tat-testijiet tal-istress tal-SGD.

### Kamp ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw għal SGD meta jwettqu t-testijiet tal-istress tas-sistemi tagħhom skont l-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 2014/49/UE.
8. Fejn awtoritajiet maħtura jamministraw SGD, dawn għandhom japplikaw dawn il-linji gwida meta jwettqu testijiet tal-istress tas-sistemi tal-SGD. Meta l-SGD ikunu amministrati minn entità privata, l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li dawn il-linji gwida jiġu applikati minn dawn l-SGD.

### Indirizzati

9. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4(2)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.
10. Dawn il-linji gwida huma indirizzati wkoll lil awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4(2)(i) u (iv) tar-Regolament (UE) 1093/2010, sa fejn il-kooperazzjoni tagħhom, bħala parteċipanti ta' xibka ta' sikurezza, hija meħtieġa sabiex tiżgura prestazzjoni adegwata tat-testijiet tal-istress tal-SGD.

---

<sup>2</sup> Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

## Definizzjonijiet

11. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2014/49/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Assunzjonijiet	tfisser l-informazzjoni u parametri li huma predeterminati għall-imġiba ta' test tal-istress tal-SGD (eż. il-likwidazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu partikolari li tinvolvi ċertu ammont ta' telf).
Parteċipanti interni	tfisser parteċipanti tat-test mill-SGD.
Parteċipanti esterni	tfisser parteċipanti tat-test barra mill-SGD, inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati, awtoritajiet pubbliċi rilevanti jew osservaturi ta' parti terza.
Fajl b'Viżjoni Unika tal-Klijent ("Single customer view - SCV file")	tfisser fajl li jkun fih it-tagħrif tad-depożitant individwali meħtieġ sabiex jitħejja ħlas lura minn SGD, inkluż l-ammont totali tad-depożiti eliġibbli ta' kull depożitant.

## 3. Implimentazzjoni

### Data tal-applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida japplikaw minn [xahrejn wara li jinħarġu fil-lingwi kollha tal-UE].

## 4. Obiettivi tat-testijiet tal-istress tal-SGD

13. It-testijiet tal-istress tal-SGD għandhom jikkontribwixxu sabiex iżidu r-reżiljenza tas-sistema Ewropea tal-SGD, billi:

- (i) jittestjaw l-abbiltà tal-SGD li jwettqu l-kompiti fdati lilhom skont id-Direttivi 2014/49/UE u 2014/59/UE<sup>3</sup>, inklużi meta jikkooperaw ma' SGD oħrajn fl-Unjoni Ewropea;

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-

- (ii) jidentifikaw liema dimensjonijiet ta' SGD jeħtieġu titjib jew li diġà tjebu meta mqabbla ma' testijiet preċedenti;
- (iii) jipproduċu riżultati li jippermettu komparabbiltà u evalwazzjonijiet bejn il-pari.

## 5. Metodoloġija għal testijiet tal-istress tal-SGD

---

- 14. Sabiex ikun żgurat approċċ komprensiv, it-testijiet tal-istress għandhom ikunu pprogrammati fuq ċiklu b'terminu medju kif deskritt f'sottotaqsima 5.1. Sussegwentament, kull eżerċizzju ta' test tal-istress għandu jsegwi numru ta' fażijiet ewlenin kif deskritt f'sottotaqsima 5.2.
- 15. Sabiex tkun issalvagwardjata l-konformità mal-Artikolu 4(11) tad-Direttiva 2014/49/UE, l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li l-SGD jiksbu u jużaw l-informazzjoni meħtieġa sabiex iwettqu testijiet tal-istress tas-sistemi tagħhom għall-prestazzjoni ta' dawn it-testijiet biss u ma jzommuhex aktar milli meħtieġ għal dak il-għan. Sabiex tkun issalvagwardjata l-konformità mal-Artikolu 4(9) ta' dik id-Direttiva u b'mod partikolari fejn it-test jinvolvi l-ipproċessar ta' dejta marbuta mal-kontijiet tad-depożitanti, l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li l-SGD jippreservaw il-kunfidenzjalità, jipproċessaw dik id-dejta relatata mal-kontijiet tad-depożitanti skont id-Direttiva 95/46/KE<sup>4</sup> u jipproteġu bis-sħiħ din id-dejta inkluż permezz tal-applikazzjoni ta' metodi ta' anonimizzazzjoni kif xieraq.

### 5.1 Programmar ta' ċiklu ta' testijiet tal-istress

- 16. L-SGD għandhom jiddefinixxu programm ta' eżerċizzji tat-test bil-ħsieb li jkopru, matul perjodu li mhuwiex anqas minn sentejn sa ħames snin, ix-xenarji ta' intervent u oqsma ta' ttestjar deskritti f'taqsimiet 6 u 7, rispettivament, ta' dawn il-linji gwida.
- 17. Il-programm għandu jistipula l-perjodu ta' żmien stmat ta' eżerċizzji pprogrammati u jiddefinixxi l-ambitu ppjanat ta' kull eżerċizzju f'termini ta' oqsma ta' ttestjar u tipi ta' xenarji ta' intervent.
- 18. Il-programm jista' jinkludi testijiet komprensivi li jkopru l-oqsma tal-ittestjar kollha taħt xenarju ta' intervent partikolari, jew testijiet immirati li jkopru biss xi oqsma tat-test (eż. aċċess għad-dejta) jew ikopru qasam tat-test speċifiku mingħajr ma jittestjaw xenarju ta' intervent (eż. kontroll ta' rutina tal-fajl SCV). Fi kwalunkwe każ, ix-xenarji tal-intervent kollha u

---

Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

L-oqsma tat-test stipulati f'dawn il-linji gwida għandhom jiġu ttestjati matul iċ-ċiklu tal-programm.

19. Il-programm għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari, b'kunsiderazzjoni tar-riżultati ta' testijiet tal-istress preċedenti (eż. riżultati li jenfasizzaw il-ħtieġa għal valutazzjoni aktar profonda ta' ċerti oqsma), interventi tal-SGD attwali u żviluppi regolatorji (eż. tqassir tal-iskadenza għal rimborżi).
20. Meta intervent tal-ħajja reali jkun seħħ matul iċ-ċiklu u ppermetta li SGD tivvaluta r-reżiljenza ta' wħud mill-oqsma tat-test jew tal-oqsma kollha u/jew xenarji ta' intervent ippjanati għall-ittestjar taħt il-programm, l-SGD tista' temenda l-programm sabiex jirrifletti li t-test ibbażat fuq il-ħajja reali se jissostitwixxi t-test oriġinarjament previst. F'każ bħal dan, minflok jitlestew il-fażijiet ewlenin kollha deskritti f'sottotaqsima 5.2, l-SGD tista' tiffoka fuq ir-rappurtar u l-fażijiet ta' azzjoni korrettiva.

## 5.2 Fażijiet ewlenin ta' eżerċizzju ta' test tal-istress

21. L-SGD għandhom ilestu l-fażijiet li ġejjin meta jwettqu eżerċizzju ta' test tal-istress.

### Fażi tal-ippjanar

22. L-SGD għandhom jaħtru tim ta' tmexxija jew uffiċjal ta' tmexxija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "tim ta' tmexxija") inkarigat mill-ippjanar u l-koordinazzjoni ta' kompiti varji involuti f'eżerċizzju ta' test tal-istress. Il-maniġment superjuri għandu jiżgura li t-tim ta' tmexxija huwa pprovdut bl-informazzjoni kollha meħtieġa u li jirċievi appoġġ sħiħ mill-bqija tal-persunal tal-SGD.
23. Qabel kull eżerċizzju, it-tim ta' tmexxija għandu jiddefinixxi l-perjodu ta' żmien għat-twettiq tat-test u jidentifika l-parteċipanti esterni u/jew interni involuti.
24. Skont il-programm iddefinit skont sottotaqsima 5.1, it-tim ta' tmexxija għandu jiddefinixxi f'aktar dettall il-fokus tat-test, ix-xenarju tal-intervent, l-oqsma tat-test, l-indikaturi li għandhom jitkejlu u l-assunzjonijiet li fuqhom huwa bbażat l-eżerċizzju (eż. livell ta' telf imġarrab minn istituzzjoni ta' kreditu, livell ta' ħlas f'likwidazzjoni jew istituzzjonijiet ta' kreditu li għandhom jiġu koperti minn kontrolli tal-kwalità tal-fajls SCV).
25. L-SGD jistgħu jużaw assunzjonijiet minn każijiet ta' interventi preċedenti u jivvalutaw il-mod li bih għabu ruħhom is-sistemi tal-SGD. Jistgħu anke jissimulaw il-mod li bih, taħt il-kundizzjonijiet attwali, l-iskema tagħhom kienet iġġib ruħha li kieku ġiet affaċċjata b'sitwazzjoni simili.
26. L-SGD għandhom jallokaw ir-riżorsi meħtieġa għat-test f'termini ta' persunal ta' appoġġ, baġit u infrastruttura. L-adekwatezza ta' dawn il-mezzi għandha tiġi riveduta kontinwament matul l-iżvilupp tal-eżerċizzju.

27. L-SGD għandhom jagħmlu arranġamenti sabiex jiżguraw l-oġġettività fid-definizzjoni ta' assunzjonijiet għat-test tal-istress, it-tmexxija tat-test u t-tfassil ta' konklużjonijiet imparzjali. Arranġamenti bħal dawn għandhom ikunu ddokumentati mill-iskema u għandu jkun żgurat li r-rekwiżiti tal-oġġettività japplikaw għall-parteċipanti kollha fit-test u fil-fażijiet kollha. Bħala parti minn dawn l-arranġamenti, l-SGD għandhom jistabbilixxu separazzjoni ċara bejn it-tim ta' tmexxija u parteċipanti oħrajn li, fi ħdan l-SGD, ukoll jieħdu sehem fl-eżerċizzju.
28. Inkella, dawn l-arranġamenti għandhom jipprovdu għall-parteċipazzjoni ta' osservaturi esterni tal-proċess. L-osservaturi jistgħu jkunu l-awtoritajiet maħtura meta huma stess ma jkunux qegħdin jamministraw l-iskema, awtoritajiet pubbliċi oħrajn, ditti ta' konsulenza jew SGD oħrajn. L-osservaturi għandhom jagħmlu hilitom sabiex jivverifikaw li l-proċess qed jitmexxa oġġettivament u, f'każ ta' dubju, jesprimu t-tħassib tagħhom lit-tim ta' tmexxija. L-osservaturi għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-fażijiet kollha tal-proċess. Kwalunkwe informazzjoni maqsuma f'dan il-kuntest għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali stretta. Ir-rekwiżit li tiġi stabbilita separazzjoni jew inkella li jkunu involuti l-osservaturi għandu jittqies bħala li jkun ġie ssodisfat fir-rigward tat-testijiet tal-fajls SCV.
29. It-tim ta' tmexxija għandu jikkuntattja lill-parteċipanti interni u esterni li se jkunu involuti fil-varji stadji tal-eżerċizzju u jiżgura għarfien reċiproku fir-rigward tar-rwol mistenni minn kulħadd fl-eżerċizzju.

## Fażi ta' twettiq

30. Meta jitwettag it-test, it-tim ta' tmexxija għandu jitlob u jiġbor mingħand il-parteċipanti tat-test l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun ivvalutata l-prestazzjoni tas-sistema tal-SGD b'rabta mal-oqsma tat-test u l-indikaturi deskritti f'taqsima 7.
31. It-testijiet jistgħu jitwettqu f'formati varji, inkluż sessjonijiet ta' 'roleplaying' live fejn parteċipanti interni u esterni jissimulaw l-azzjonijiet u deċiżjonijiet li kienu jieħdu f'xenarju ta' intervent partikolari, jew skambji back-office (eż. fejn it-tim ta' tmexxija jitlob fajls SCV minn istituzzjoni u jkejje l-preċiżjoni tal-informazzjoni).
32. B'differenza mit-tim ta' tmexxija, il-parteċipanti fil-fażi ta' twettiq għandhom jirrappreżentaw lil dawk l-awtoritajiet, entitajiet jew anke dipartimenti interni, inklużi dawk fi ħdan l-SGD, li għandhom jieħdu l-azzjonijiet jew deċiżjonijiet meħtieġa jew jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa f'xenarju ta' ħajja reali. Dan jista' jinkludi parteċipanti interni (pereżempju, id-dipartiment intern inkarigat minn kwistjonijiet ta' finanzjament fi ħdan l-SGD) jew parteċipanti esterni (pereżempju awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jiddeterminaw, wara li jkkonsultaw mal-SGD, il-kontribuzzjoni tagħha għar-riżoluzzjoni).



## Fażi ta' rappurtar u azzjoni korrettiva

33. It-tim ta' tmexxija għandu jipproċessa u jinterpreta r-riżultati tat-test bil-ħsieb li jagħmel valutazzjoni oġġettiva tar-reżiljenza tal-SGD fl-oqsma mkejla.
34. It-tim ta' tmexxija għandu jirrekordja r-riżultati b'mod konsistenti matul iż-żmien, bl-użu ta' mudell standard bħall-mudell żviluppat mill-Forum Ewropew tal-Assiguraturi tad-Depożiti. L-SGD għandhom jirrapportaw ir-riżultati tat-testijiet tal-istress lill-awtoritajiet maħtura mill-anqas darba fis-sena.
35. It-testijiet tal-istress għandhom ikunu parti minn proċess ta' titjib kontinwu. Għaldaqstant, fejn jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sistemi tal-SGD fil-kuntest ta' test tal-istress, dik l-SGD għandha tiegħu miżuri korrettivi. Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet li huma attribwibbli għal istituzzjonijiet ta' kreditu, pereżempju difetti fil-kwalità ta' fajls SCV, l-SGD għandha tfittex miżuri korrettivi, jekk meħtieġ permezz tal-awtorità kompetenti inkarigata mis-superviżjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet. L-SGD imbagħad għandha tfittex li taċċerta, f'testijiet sussegwenti, li n-nuqqasijiet issolvew.

### 5.3 Kooperazzjoni ma' awtoritajiet amministrattivi rilevanti

36. L-SGD għandhom iżommu l-awtoritajiet maħtura informati bis-siġħ meta jippjanaw u jwettqu t-testijiet tal-istress, sakemm l-SGD ma tkunx hi ukoll l-awtorità maħtura. Għal dan il-għan, l-SGD għandhom jibagħtu l-programm tal-eżerċizzji tat-test tagħhom, kif imsemmi f'sottotaqsima 5.1, lill-awtoritajiet maħtura u lill-EBA. L-ewwel programm għandu jkun maqsum mal-awtoritajiet maħtura u l-EBA sa [sitt xhur wara l-ħruġ tiegħu fil-lingwi kollha tal-UE]. Kwalunkwe aġġornament tal-materjal għandu jiġi nnotifikat mal-ewwel lill-awtoritajiet maħtura u lill-EBA.
37. Sussegwentament, meta jippjanaw kull eżerċizzju, għandhom jinformat lill-awtoritajiet maħtura bl-iskop tat-test f'termini ta' istituzzjonijiet ta' kreditu parteċipanti, oqsma tat-test, xenarji tal-intervent u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra kif imsemmi f'sottotaqsima 5.2 (fażi tal-ippjanar), u jippermettu biżżejjed żmien qabel jibda l-eżerċizzju sabiex jippermettu lill-awtoritajiet maħtura jipprovdu kummenti.
38. Barra minn hekk, qabel l-ittestjar ta' xenarju tal-intervent kif iddefinit f'taqsima 7, l-SGD għandhom jinformat lill-awtoritajiet pubbliċi li se jkunu involuti fit-tip ta' xenarju li qed jiġi ttestjat. Bħala minimu, l-"awtorità amministrattiva rilevanti" identifikata skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/49/UE, kif ukoll l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 2(1)(17) tal-Istess Direttiva, għandhom jiġu informati meta jiġi ttestjat xenarju ta' rimborż. L-awtoritajiet kompetenti u tar-riżoluzzjoni għandhom jiġu informati meta jiġi ttestjat xenarju ta' riżoluzzjoni.

39. L-SGD għandhom ifittxu l-opinjoni ta' dawn l-awtoritajiet dwar l-assunzjonijiet għat-test u joffrullhom il-parteċipazzjoni fil-fażi ta' twettiq. Fejn SGD hija separata mill-awtorità maħtura, din il-parteċipazzjoni jew konsultazzjoni tista' tiġi organizzata permezz tal-awtorità maħtura.
40. Awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw, direttament jew permezz ta' awtoritajiet maħtura, ma' SGD fid-definizzjoni ta' xenarji u testijiet ta' twettiq.

## 6. Xenarji ta' intervent

---

41. Sabiex tiġi vvalutata komprensivament il-kapaċità tagħhom li jkollhom x'jaqsmu effettivament ma' każijiet ta' nuqqasijiet istituzzjonali, l-SGD għandhom jittestjaw xenarji ta' intervent kif preskritt f'din it-taqsim.

### 6.1 Funzjonijiet tal-SGD li għandhom jiġu koperti minn xenarji

42. L-SGD għandhom jittestjaw l-abbiltà tagħhom li jwettqu l-kompiti tagħhom fit-tipi ta' intervent kollha stipulati fid-Direttivi 2014/49/UE u 2014/59/UE, jiġifieri:
- li jikkumpensaw lid-depożitanti fil-każ ta' insolvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/49/UE ("funzjoni ta' rimborż");
  - li jiffinanzjaw ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jippreservaw aċċess kontinwu għad-depożiti skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/49/UE u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE ("kontribuzzjoni għal funzjoni ta' riżoluzzjoni");
  - li jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom għal miżuri alternattivi sabiex ikun evitat falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu, jekk huwa permess taħt il-liġi tal-Istat Membru fejn hija stabbilita l-SGD, skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE ("funzjoni ta' prevenzjoni ta' falliment");
  - li jużaw il-mezzi finanzjarji disponibbli tagħhom sabiex jiffinanzjaw miżuri sabiex jippreservaw l-aċċess tad-depożitanti għal depożiti koperti fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza nazzjonali, jekk permess taħt il-liġi tal-Istat Membru fejn hija stabbilita t-SGD, skont l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/49/UE ("kontribuzzjoni għal xenarju ta' insolvenza").

### Funzjoni ta' rimborż

43. L-SGD kollha għandhom jittestjaw l-abbiltà tagħhom li jirrimborżaw lid-depożitanti kif previst skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/49/UE. L-ebda SGD m'għandha tastjeni milli tittestja l-funzjoni ta' rimborż minħabba li ttestjat il-funzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew ta' prevenzjoni ta' falliment deskritti aktar 'il quddiem, jew li l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati kollha se jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji deskritti f'paragrafu 53.

44. F'xenarju ta' rimborż, l-SGD għandha tissimula l-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar sabiex tivvaluta jekk l-ammont ripagabbli kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/49/UE hux se jkun disponibbli fil-perjodi ta' rimborż preskritti fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva.
45. Matul iż-żmien taċ-ċiklu tal-programm, l-SGD għandhom jittestjaw l-oqsma u japplikaw l-indikaturi deskritti f'taqsima 7.

## Kontribuzzjoni għal rizzoluzzjoni

46. Xenarji ta' rizzoluzzjoni għandhom jieħdu l-intervent b'rabta ma' istituzzjoni ta' kreditu affiljata li tqiegħdet taħt rizzoluzzjoni skont id-Direttiva 2014/59/UE u li għaliha kontribuzzjoni tal-SGD hija meħtieġa skont l-Artikolu 109 ta' dik id-Direttiva.
47. It-testijiet tal-istress tal-SGD taħt xenarji ta' rizzoluzzjoni jistgħu jitwettqu fuq bażi awtonoma jew jistgħu jkunu parti minn test ta' rizzoluzzjoni usa' mwettaq taħt it-tmexxija ta' awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni, sakemm l-oqsma u l-indikaturi deskritti f'taqsima 7 huma ttestjati u applikati, rispettivament.
48. Fejn test tal-istress tal-SGD taħt xenarju ta' rizzoluzzjoni huwa mwettaq fuq bażi awtonoma, l-SGD għandha tikkonsulta lill-awtorità ta' rizzoluzzjoni għat-tfassil tax-xenarju u t-twettiq tat-test u għandha titlobha sabiex tipparteċipa fit-test. L-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni għandhom jikkopperaw mal-SGD u jipprovduhom bl-informazzjoni meħtieġa, jew direttament jew permezz ta' awtoritajiet maħtura, sabiex ifasslu u jwettqu testijiet tal-istress.
49. Il-livell assunt ta' kontribuzzjoni tal-SGD għall-finanzjament tar-rizzoluzzjoni għandu jkun ikkalibrat b'kunsiderazzjoni tar-regoli stipulati fl-Artikolu 108 u 109 tad-Direttiva 2014/59/UE u l-profil tal-istituzzjonijiet ta' kreditu magħżulin għat-test li jinvolti xenarju ta' rizzoluzzjoni.
50. F'każijiet eċċezzjonali, wara konsultazzjoni mal-awtorità ta' rizzoluzzjoni, SGD tista' tastjeni mill-ittestjar ta' xenarji ta' rizzoluzzjoni fejn hi tiddetermina li l-ebda istituzzjoni tal-kreditu affiljata ma taqa' fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji deskritti f'paragrafu 53.

## Prevenzjoni tal-falliment

51. Fejn, skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, SGD għandha permess tuża fondi għall-prevenzjoni ta' falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu, din għandha twettaq mill-anqas żewġ tipi ta' testijiet:
- test li jissimula deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu affiljata waħda jew aktar, inklużi l-pożizzjoni kapitali, il-kwalita tal-assi u l-pożizzjoni ta' likwidità tagħha. F'dan il-kuntest, it-testijiet għandhom jivvalutaw jekk SGD hux se tkun kapaċi tipprevjeni falliment taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, inkluż billi tikkunsidra t-tip ta' miżuri alternattivi li jistgħu jiġu

implimentati u jekk l-SGD ikollhiex il-kapaċità finanzjarja sabiex tipprovdi l-appoġġ meħtieġ; u

- test tas-sistemi ta' monitoraġġ tar-riskju tal-SGD. Fejn ikunu ġew irrekordjati sitwazzjonijiet ta' periklu fil-passat, l-SGD għandhom jiddeterminaw jekk is-sistemi ta' monitoraġġ kinux kapaċi jagħrfu l-imminenza tar-riskju.

## 6.2 Għażla ta' istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati li se jiġu inklużi f'xenarji ta' intervent

52. Bil-għan li jiġi ttestjat xenarju ta' intervent, SGD għandha tagħżel istituzzjoni ta' kreditu affiljata tagħha waħda jew aktar li l-profil tagħha huwa adegwat b'rabta mal-fokus ipplanat tat-test, inkluż it-tip ta' funzjonijiet jew oqsma ttestjati, is-severità u l-kumplessità tax-xenarju, u l-firxa ġeografika.

53. Bil-ħsieb li jiġi ttestjat xenarju ta' rizzoluzzjoni, SGD għandha tagħżel istituzzjoni ta' kreditu affiljata waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

- a) istituzzjonijiet ta' kreditu kklassifikati bħala entitajiet issorveljati sinifikanti u ssorveljati direttament mill-BĊE skont Parti IV tar-Regolament (UE) 468/2014<sup>5</sup>;
- b) istituzzjonijiet ta' kreditu identifikati bħala istituzzjonijiet importanti sistematikament globali (G-SIIs) jew istituzzjonijiet sistematikament importanti oħrajn (O-SIIs) skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE<sup>6</sup>;
- c) f'każ li awtorità ta' rizzoluzzjoni stipulat u għamlet limiti indikattivi pubbliċi li 'l fuq minnhom istituzzjoni, f'każ ta' falliment, aktarx tkun soġġetta għal azzjoni ta' rizzoluzzjoni skont l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jissodisfaw dawn il-limiti. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tinftiehem bħala li qiegħda tippreskrivi kwalunkwe divulgazzjoni parzjali jew sħiħa tal-pjan ta' rizzoluzzjoni jew strateġija ta' rizzoluzzjoni għall-istituzzjonijiet ikkonċernati, u lanqas bħala obbligu għal awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni li jstipulaw jew jagħmlu tali limiti pubbliċi.

## 6.3 Severità u kumplessità ta' xenarji

54. L-SGD għandhom jittestjaw ix-xenarji filwaqt li jassumu livelli differenti ta' severità u kumplessità. Matul iż-żmien l-SGD għandhom japplikaw xenarji dejjem aktar sofistikati u severi.

<sup>5</sup> ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u awtoritajiet kompetenti nazzjonali u ma' awtoritajiet maħtura nazzjonali (Regolament Qafas tal-MSU)(BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

<sup>6</sup> id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

55. Sabiex tkun żgurata rilevanza storika, l-SGD għandhom, matul iċ-ċiklu, jittestjaw xenarji li jivvalutaw il-kapaċità tas-sistemi tagħhom li jkollhom x'jaqsmu ma' każijiet ta' intervent ta' tip u intensità esperjenzati fil-passat, u b'mod partikolari matul il-perjodu tal-2008-2012.
56. Din il-preskrizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jkunu ttestjati xenarji usa' u aktar severi bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-abbiltà tal-SGD li twettaq il-funzjonijiet tagħha fil-futur.
57. Għandhom jiġu ttestjati ambiti ġeografiċi differenti, b'introduzzjoni progressiva ta' xenarji li jeħtieġu intervent b'appoġġ għad-depożitanti f'fergħat stabbiliti fi Stati Membri oħrajn. Dan ir-rekwiżit mhuwiex applikabbli fejn l-ebda istituzzjoni ta' kreditu m'għandha l-ebda fergħa fi Stati Membri oħrajn

## 7. Oqsma ta' test u indikaturi

---

58. It-testijiet tal-istress għandhom ikopru żewġ oqsma ta' riskju ewlenin:
- (i) riskji operazzjonali, jiġifieri riskji li l-SGD ma tistax tissodisfa l-obbligi tagħha minħabba proċess interni inadegwati jew falluti, persunal u sistemi inadegwati; u
  - (ii) riskji ta' finanzjament, jiġifieri riskji li s-sorsi ta' finanzjament previsti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/49/UE (kontribuzzjonijiet regolari, kontribuzzjonijiet straordinarji u arranġamenti ta' finanzjament alternattiv) mhumiex biżżejjed sabiex jippermettu lill-SGD tilħaq ir-responsabbiltajiet potenzjali tagħha, jew li tilħaqhom fil-perjodi ta' żmien meħtieġa mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.
59. It-testijiet tal-istress għandhom ikopru stadji operazzjonali varji ta' intervent tal-SGD, li jvarjaw minn ippjanar qabel il-falliment għal preparazzjoni waqt il-falliment, għal eżekuzzjoni ta' intervent, inkluż rimborż, kontribuzzjoni għal riżoluzzjoni, eċċ. Dawn għandhom japplikaw kemm indikaturi kwantitattivi kif ukoll indikaturi kwalitattivi, u għandhom bħala minimu jkellu l-indikaturi stipulati f'din it-taqsimha.
60. Kapaċitajiet operazzjonali u ta' finanzjament għandhom jiġu ttestjati taħt ix-xenarji ta' intervent deskritti f'taqsimha 6. Barra minn hekk, l-SGD jistgħu jwettqu wkoll eżerċizzji mmirati indipendentament minn kwalunkwe xenarju, pereżempju kontrolli regolari ta' fajls SCV ta' istituzzjoni partikolari.
61. B'rabta mal-intervent tal-SDG f'riżoluzzjoni, oqsma tat-test u indikaturi jistgħu jiffokaw fuq il-ġbir tad-dejta, it-trażmissjoni tad-dejta lil awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, u mekkaniżmi ta' finanzjament u arranġamenti.

## 7.1 Kapaċitajiet operazzjonali

62. Testijiet tal-istress tal-SGD għandhom ikopru l-kapaċità tal-SGD li twettaq il-proċessi u mekkaniżmi involuti f'intervent, inkluż l-aċċess għad-dejta, il-persunal u riżorsi operazzjonali oħrajn, il-komunikazzjoni, is-sistemi ta' ħlas, il-kejl taż-żmien, u kooperazzjoni bejn id-domestiċi u l-ospiti.

### 7.1.1 Aċċess għad-dejta:

63. Aċċess għal dejta ta' kwalità tajba dwar istituzzjonijiet ta' kreditu, depożitanti u depożiti għandha tkun ittestjata bi prijorità sabiex ikun żgurat li l-SGD ikunu ppreparati biex iwettqu l-kompiti tagħhom f'kull ħin.

#### a. L-informazzjoni dwar istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati, depożitanti u depożiti

64. L-SGD għandhom jittestjaw l-arranġamenti stabbiliti għat-talba u l-kisba ta' fajls SCV minn istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati u jivvalutaw il-kwalità ta' dawn il-fajls u l-puntwalità tat-trażmissjoni tagħhom.

65. Il-kwalità tal-fajl SCV tista' tiġi vvalutata fil-kuntest ta' test ibbażat fuq xenarju jew fil-kuntest ta' testijiet ta' rutina regolari ma' xi istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati jew kollha.

66. Il-kwalità tal-fajls SCV ta' istituzzjoni jistgħu jiġu ttestjati skont kampjun li jkopri subsett ta' depożitanti, sakemm il-metodu ta' kampjunar huwa ddeterminat mill-SGD, mhux mill-istituzzjoni, u sakemm il-kampjun huwa kbir u diversifikat biżżejjed sabiex ikun rappreżentattiv tal-ktieb ta' depożiti eliġibbli tal-istituzzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-SGD li jittestjaw fajls SCV sħaħ.

67. Il-kwalità tal-fajls SCV għandha tiġi vvalutata b'rabta ma' jekk hux se tipprovdi lill-SGD, f'każ ta' falliment, bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikomplu bl-intervent b'rabta ma' depożitant, inkluż l-identità tad-depożitanti, id-dettalji ta' kuntatt tagħhom, il-kontijiet li għandhom u l-ammonti korrispondenti, u l-ammonti ta' depożiti eliġibbli u koperti. Għal dan il-għan, l-SGD għandhom jiddefinixxu kriterji għal fajl SCV validu jew invalidu (eż. numri ta' identifikazzjoni inkorretta, indirizzi inkorretti, ismijiet differenti bl-istess numri ta' identifikazzjoni, għadd ta' rekords għall-istess depożitant eċċ.) u jkejlu n-numru ta' fajls SCV invalidi bħala sehem mir-rekords tal-istituzzjoni jew, fejn applikabbli, il-kampjun.

68. Fejn tiġi osservata kwalità insuffiċjenti f'istituzzjoni, għandu jsir kontroll ta' segwitu f'mill-anqas sentejn sabiex jiġi vvalutat il-progress. L-SGD jistgħu jaġġustaw dan il-perjodu ta' sentejn fejn, b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi umani u riżorsi oħrajn disponibbli, ikun meħtieġ li t-testijiet jiġu prijoritizzati f'istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn li jqajmu tħassib f'termini tal-kwalità tal-fajls SCV jew abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju ġenerali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-SGD.

69. Fejn, skont il-liġi nazzjonali, hemm arranġamenti stabbiliti sabiex jiġu allokat, fuq bażi kontinwa, bilanċi għoljin temporanji ("THBs") kif iddefinit fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2014/49/UE jew kontijiet beneficijarji kif regolati mill-Artikolu 7(3) ta' dik id-Direttiva, dawn it-THBs għandhom ikunu inklużi fit-testijiet tal-fajls SCV. Din il-preskrizzjoni m'għandha tinvolti l-ebda obbligu għall-SGD jew għall-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati sabiex jitolbu informazzjoni mingħand id-depożitanti bħala riżultat tat-test.

70. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

- i1: Valutazzjoni tal-kwalità ġenerali tal-fajls SCV li tirriżulta mit-testijiet, in-nuqqasijiet ewlenin, ir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqasijiet, l-aspettattiva għal żviluppi futuri (kwalitattiva)
- i2: Valutazzjoni tal-kwalità tal-arranġamenti stabbiliti għat-talba u l-kisba ta' fajls SCV (kwalitattiva)
- i3: Il-ħin għall-kisba ta' trażmissjoni ta' fajls SCV, mill-ġurnata tat-talba lill-istituzzjoni ta' kreditu affiljata (kwantitattiva)
- i4: Sehem ta' fajls SCV jew entrati tal-fajls SCV substandard (nieqsa, mhux preċiżi jew ma fihomx id-dejta meħtieġa għall-ipproċessar u l-ħlas) (kwantitattiva)

**b. Informazzjoni dwar problemi skoperti f'istituzzjoni ta' kreditu li aktarx se jagħtu lok għal intervent ta' SGD.**

71. L-SGD għandhom jivvalutaw l-arranġamenti stabbiliti (dispożizzjonijiet legali jew amministrattivi, memoranda ta' ftehim, eċċ.) għall-kisba, kif previst fl-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 2014/49/UE, ta' informazzjoni dwar problemi skoperti f'istituzzjoni ta' kreditu li aktarx se jqajmu l-intervent ta' SGD. F'dan ir-rigward dawn għandhom jivvalutaw jekk dawn l-arranġamenti hux se jippermettu biżżejjed informazzjoni bikrija, pereżempju fejn awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw is-setgħat taħt l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/59/UE (intervent bikri) jew l-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE<sup>7</sup> (setgħat superviżorji), jew fejn awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni jiddeterminaw taħt l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE li istituzzjoni qed tfalli jew li aktarx se tfalli.

72. L-SGD għandhom jużaw l-indikatur li ġejj:

- i5: Il-kwalità tal-arranġamenti stabbiliti għall-kisba ta' informazzjoni minn awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni dwar problemi skoperti f'istituzzjoni ta' kreditu li jistgħu jqajmu intervent tal-SGD, inkluż jekk jiżgurawx li jirċievu informazzjoni f'waqtha dwar deterjorament bikri tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni (kwalitattiva)

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

### 7.1.2 Persunal u riżorsi operazzjonali oħrajn

73. L-SGD għandhom jittestjaw, taħt ix-xenarji deskritti f'taqsim 6, jekk hux se jkollhom disponibbli għalihom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ilaħħqu maż-żieda f'salt fl-attività kkawżata minn intervent, f'termini ta' baġit, persunal, spazju tal-uffiċċju, tagħmir tal-IT, ċentri telefoniċi eċċ., inkluż billi jallokaw mill-ġdid riżorsi permanenti eżistenti jew jidħlu f'arranġamenti ta' esternalizzazzjoni temporanji.
74. Valutazzjoni konklussiva f'dan ir-rigward m'għandhiex toqgħod esklussivament fuq żieda fil-baġit ipotetika iżda għandha mill-anqas tirrifletti mekkaniżmi ta' kontinġenza organizzati fi żminijiet tajba (eż. ftit proviżjonament għall-impjegar ta' persunal fuq bażi temporanja).
75. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

i6: Adegwatezza tal-persunal eżistenti, baġit u riżorsi oħrajn li kieku jkunu disponibbli f'xenarju ta' ħajja reali (kwantitattiva u kwalitattiva)

i7: Adegwatezza ta' persunal addizzjonali, baġit and riżorsi oħrajn li jistgħu jkunu disponibbli b'avviż ta' żmien qasir meta meħtieġa (kwantitattiva u kwalitattiva)

### 7.1.3 Il-komunikazzjoni ma' depożitanti u l-pubbliku ġenerali

76. L-SGD għandhom jagħmlu valutazzjoni tal-proċessi ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' xenarju ta' rimborż, bir-reviżjoni tal-istrateġija tal-komunikazzjoni u r-riżorsi.
77. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

i8: Il-ħin biex jiġu stabbiliti ċentri telefoniċi u siti tal-Internet jew paġni tal-Internet ad hoc (kwantitattiva)

i9: Il-kapaċità ta' siti tal-Internet jew ċentri telefoniċi f'termini ta' numru ta' konnessjonijiet jew telefonati (kwantitattiva)

### 7.1.4 Strumenti ta' ħlas

78. L-SGD għandhom jittestjaw l-abbiltà tagħhom li jimxu bil-ħlasijiet lid-depożitanti, jiġifieri li jitransferixxu effettivament l-ammonti ta' rimborż lid-depożitanti.
79. Għal dak il-għan, għandhom jivvalutaw il-kwalità ta' proċessi eżistenti għall-ġbir ta' dettalji ta' ħlas, l-istrumenti ta' ħlas disponibbli (eż. trasferimenti bankarja, ċekkijiet, kards imħallsin minn qabel), u fejn applikabbli l-kapaċità tagħhom li jfjallsu b'muniti barranin.
80. Ladarba jirrevedu l-varji proċessi u strumenti disponibbli, għandhom jivverifikaw il-kapaċità tagħhom li japplikawhom malajr f'sitwazzjonijiet ta' stress li jinvolvu numru kbir ta' ħlasijiet.



81. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

i10: Ir-reviżjoni ta' strumenti ta' ħlas disponibbli għal xenarji ta' ħlas (kwalitattiva)

i11: Adegwatezza meta applikata għal numru kbir ta' ħlasijiet, kif definit fix-xenarji (kwalitattiva)

#### **7.1.5 Perjodi ta' rimborżi u kontribuzzjonijiet**

82. L-SGD għandhom ikejlu ż-żmien mid-determinazzjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà tad-depożiti sal-punt meta l-ammont ripagabbli għandu jkun disponibbli skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/49/UE u, abbażi ta' dak, ikejlu kwalunkwe dewmien imqabbel mal-perjodi ta' rimborż previsti skont l-Artikolu 8(2) sa 8(5) ta' din id-Direttiva.

83. Meta japplikaw xenarji ta' riżoluzzjoni, l-SGD għandhom ikejlu ż-żmien meħtieġ biex jagħmlu l-kontribuzzjoni tagħhom skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/49/UE.

84. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

i12: Għal xenarji ta' rimborż, iż-żmien mid-determinazzjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' depożiti sal-mument meta l-ammont ripagabbli huwa magħmul disponibbli (kwantitattiva)

i13: Fejn it-THBs jew kontijiet benefiċjarji huma allokatu fuq bażi kontinwa kif deskritt f'paragrafu 69, iż-żmien li jgħaddi mid-determinazzjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' depożiti sal-mument meta l-ammont ripagabbli huwa magħmul disponibbli (kwantitattiva)

i14: Għal xenarji ta' riżoluzzjoni, il-ħin li jkun għadda mit-talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni sal-ħlas tal-kontribuzzjoni (kwantitattiva)

#### **7.1.6 Kooperazzjoni bejn l-oriġini u l-ospitanti**

85. L-SGD għandhom jittestjaw is-sistemi stabbiliti għar-rimborż tad-depożitanti f'fergħat stipulati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati tagħhom fi Stati Membri oħrajn.

86. L-ewwel, l-SGD għandhom jivverifikaw li huma kapaċi jirkupraw fajls SCV rigward depożitanti f'fergħat bħal dawn.

87. It-tieni, għandhom ikejlu ż-żmien li ħadu sabiex jippreparaw fajls b'istruzzjonijiet għall-ħlas u jibagħtuhom lill-SGD ta' Stati Membri ospitanti fl-iskadenzi previsti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn skemi ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE<sup>8</sup>.

<sup>8</sup> EBA/GL/2016/02.

88. It-tielet, għandhom jibagħtu fajl kampjun ta' istruzzjoni għall-ħlas lill-SGD ta' Stati Membri ospitanti sabiex jittestjaw li l-kanali ta' komunikazzjoni huma stabbiliti kif suppost u jiksbu konferma minn dawn l-SGD li l-fajl se jkollu l-informazzjoni meħtieġa kollha sabiex isir ħlas.
89. Din is-sottotaqsima 7.1.6 ma tapplikax għal SGD li għalihom l-ebda istituzzjoni ta' kreditu affiljata m'għandha fergħa fi Stat Membru ieħor, jew fejn l-uniċi istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati ma' fergħat fi Stati Membri oħrajn jaqgħu f'waħda mill-kategoriji deskritti f'paragrafu 53.
90. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

- i15: L-abbiltà li jirkupraw informazzjoni SCV allokata dwar depożitanti f'fergħat stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati tagħhom fi Stati Membri oħrajn (kwalitattiva)
- i16: Iż-żmien biex jiġu prodotti u mibgħuta fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas lil awtoritajiet ospitanti, mit-trażmissjoni ta' fajls SCV sal-istituzzjoni (kwantitattiva)
- i17: Valutazzjoni tal-kwalità ta' kanali għat-trażmissjoni ta' fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas
- i18: Il-konferma minn SGD ospitanti li l-fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas se jkunu adegwati biex iħallsu lura lid-depożitanti
- i19: L-abbiltà li jissodisfaw l-iskadenzi stipulati fil-Linji gwida dwar l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn skemi ta' garanziji tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE

## 7.2 Kapaċitajiet ta' finanzjament

91. Barra mill-kapaċitajiet operazzjonali, l-SGD għandhom jittestjaw l-adeqwatezza tal-mezzi ta' finanzjament tagħhom sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' ħlas tagħhom taħt ix-xenarji ta' intervent deskritti f'taqsima 6.
92. L-ewwel, l-SGD għandhom jivvalutaw l-adeqwatezza tal-finanzjament *ex ante* disponibbli fil-ħin tal-eżerċizzju għall-kontribuzzjoni ta' rimborż jew rizzoluzzjoni. F'dan ir-rigward, it-test tal-adeqwatezza għandu jikkunsidra l-ammonti li se jkunu effettivament disponibbli fil-perjodu ta' rimborż. Dan jimplika valutazzjoni tal-likwidità tal-mezzi finanzjarji disponibbli investiti u impenji ta' ħlas, inkluż taħt stress tas-suq.
93. It-tieni, fejn finanzjament *ex ante* mhuwiex biżżejjed, l-SGD għandhom jivvalutaw l-adeqwatezza ta' kontribuzzjonijiet *ex post* straordinarji u mezz ta' finanzjament alternattivi sabiex ilaħħqu man-nuqqas fi ħdan l-iskadenza tar-rimborż. F'dan ir-rigward, dipendenza fuq finanzjament *ex post* għandha tikkunsidra r-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(8) tad-Direttiva 2014/49/UE, inkluż jekk xi ħlasijiet tal-istituzzjonijiet jistgħux jiġu differiti bis-siġħ jew parti minnhom abbażi li l-ħlasijiet jipperikolaw il-likwidità jew pożizzjoni ta' solvenza

tagħhom<sup>9</sup>. Bl-istess mod l-SGD għandhom jikkunsidraw jekk il-kontribuzzjonijiet *ex post* straordinarji meħtieġa hux se jilħqu l-limitu ta' 0.5 % annwali stipulati f'dik id-dispożizzjoni. Fejn dan mhuwix il-każ, għandhom jieħdu deċiżjoni espliċita dwar jekk hux se jkunu kapaċi jgħollu l-limitu ta' 0.5 %.

94. Dipendenza fuq mezzi ta' finanzjament alternattivi, bħal self jew linji ta' kreditu minn partijiet terzi pubbliċi jew privati, għandha tkun ibbażati fuq valutazzjoni oġġettiva ta' elementi magħrufa fil-ħin tat-test, bħal impenji ta' self reċiproki li jkunu saru permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni bil-miktub, linji ta' kreditu formali, eċċ.

95. L-SGD għandhom jużaw l-indikaturi li ġejjin:

i20: L-adeqwatezza ta' fondi *ex ante* biex ikopru l-ħtieġa ta' finanzjament (nuqqas f'valur assolut u bħala sehem tal-ħtieġa)

i21: Valutazzjoni kwalitattiva tal-abbiltà tal-SGD li tillikwida assi investiti bħala parti mill-mezzi finanzjarji disponibbli fl-iskadenza

i22: L-adeqwatezza ta' mezzi ta' finanzjament *ex post* u alternattivi sabiex ikopru l-ħtiġijiet ta' finanzjament mhux koperti minn fondi *ex ante* (nuqqas li jibqa' wara li jintużaw il-mezzi ta' finanzjament *ex post* u alternattivi disponibbli) (kwantitattivi)

i23: Valutazzjoni tal-kwalità ta' arranġamenti stabbiliti għall-aċċess ta' mezzi alternattivi ta' finanzjament (l-affidabbiltà, il-kwantità) (kwalitattiva)

## 8. Testijiet ta' prijorità

96. Għall-għanijiet tal-ewwel reviżjoni bejn il-pari tal-EBA, sat-3 ta' Lulju 2019 l-SGD għandhom iwettqu u jirrapportaw ir-riżultati dwar it-testijiet li ġejjin:

- 1) Testijiet tal-fajl SCV: kontrolli ta' rutina formali ta' fajls SCV tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati kollha. Dawn it-testijiet għandhom jiżguraw ukoll li l-fajls SCV jallokaw depożiti f'fergħat fi Stati Membri oħrajn.
- 2) Test tal-kapaċità operazzjonali: test li japplika xenarju ta' ħlas u jkejje l-indikaturi tal-kapaċità operazzjonali deskritta f'taqsima 7. It-test għandu jkun sever biżżejjed sabiex jisfida l-abbiltà tal-SGD li jwasslu proċessi kritiċi, riżorsi u sistemi tal-IT effettivament u b'mod effiċjenti f'kundizzjonijiet stressati. Għal dan il-għan, l-SGD għandhom jagħżlu istituzzjoni ta' kreditu b'numru ta' depożitanti ta' mhux inqas mit-

<sup>9</sup> Ara l-att iddelegat li se jiġi adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 104(4) u 115 tad-Direttiva 2014/59/UE. [Daħħal minflok it-titolu sħiħ tal-att iddelegat jekk ippubblikat fil-ĠU flimkien mar-referenza tal-ĠU].

tieni kwart ta' istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati li ma jaqgħu fl-ebda mill-kategoriji deskritti f'paragrafu 53.

- 3) Test ta' kooperazzjoni transkonfinali operazzjonali: prova tat-test b'kooperazzjoni ma' mill-inqas SGD oħra u l-valutazzjoni, mill-anqas ta' jekk l-SGD hijiex kapaċi li tibgħat effettivament lil SGD ospitanta fajl ta' istruzzjoni għall-ħlas dwar depożitanti f'fergħa barranija ta' istituzzjoni ta' kreditu affiljata partikolari, b'konferma mill-SGD ospitanta li l-fajl fih l-informazzjoni meħtieġa kollha sabiex isir il-ħlas. Din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għal SGD li għalihom l-ebda istituzzjoni ta' kreditu affiljata m'għandha xi fergħa fi Stati Membri oħrajn, jew fejn l-uniċi istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'fergħat fi Stati Membri oħrajn jaqgħu f'waħda mill-kategoriji deskritti f'paragrafi 53.
- 4) Test tal-kapaċita ta' finanzjament: test li jkejjel l-oqsma tal-kapaċità finanzjarja u indikaturi deskritti f'taqsimha 7 jew f'xenarju ta' ħlas jew ta' riżoluzzjoni, li jinvolvi falliment wieħed jew aktar, u jassumi intervent tal-SGD ta' livell ta' mill-anqas 0.8 % ta' depożiti koperti jew, fejn ikun ġie stabbilit livell b'mira aktar baxxa f'konformità mal-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/49/UE, dak il-livell b'mira aktar baxxa.

97. Kwalunkwe mit-testijiet ta' hawn fuq jistgħu jitwettqu f'daqqa.

98. L-SGD għandhom jirrapportaw ir-riżultati dwar it-testijiet ta' prijorità ta' hawn fuq lill-awtoritajiet maħtura u lill-EBA bl-użu tal-mudell fl-Anness 1.

99. L-ewwel ċiklu tal-programm li hemm referenza għalih f'sottotaqsimha 5.1 għandu jinkludi t-tlestija tat-testijiet ta' prijorità speċifikati f'din it-taqsimha.

## Anness 1 – Mudell għar-rappurtar tar-riżultati

L-EWWEL REVIŻJONI MINN PARI TAL-EBA DWAR L-ITTESTJAR TAL-ISTRESS TAL-SGD SKONT L-ARTIKOLU 4(10) TAD-DIRETTIVA DWAR L-SGD RIŻULTATI TA' TESTIJET TA' PRIJORITÀ MWETTQA B'APPLIKAZZJONI TA' PARAGRAFU 96 TA' TAQSIMA 8 TAL-LINJI GWIDA DWAR TESTIJET TAL-ISTRESS TA' SKEMI TA' GARANZIJA TAD-DEPOŻITI	
<b>MISTOQSIJET</b>	<b>TWEĠIBIET</b> ( <i>Fejn applikabbli, hija pprovduta gwida fil-korsiv. Ara wkoll l-istruzzjonijiet f'karta separata</i> )
<b>A. MISTOQSIJET ĠENERALI</b>	
Skema ta' Garanzija tad-Depożiti li għaliha huma rrapportati r-riżultati	<i>L-isem tal-SGD</i>
Detalji ta' kuntatt tal-awtorità maħtura	<i>Isem, email, indirizz postali u numru tat-telefown.</i>
Detalji ta' kuntatt tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jekk differenti mill-awtorità maħtura	<i>Isem, email, indirizz postali u numru tat-telefown.</i>
Perjodu kopert mit-taqisira	

Numru ta' istituzzjonijiet li huma membri tal-SGD	<i>In-numru fil-ħin ta' rappurtar</i>
Perjodu ta' rimborż applikabbli għall-SGD matul il-perjodu skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva dwar l-SGD	<i>Eż. 7 ijiem xogħol</i>
<b>B. TESTIJET TAL-FAJLS SCV</b>	
Numru ta' istituzzjonijiet ittestjati	
Fejn applikabbli, ir-raġuni għaliex ma ġewx ittestjati l-istituzzjonijiet kollha	
Kemm-il membru ġie ttestjat abbażi tal-kampjuni	
Kemm-il membru ġie ttestjat fuq it-totalità tal-fajls SCV tiegħu	
Fejn intuża l-kampjunar, iddeskrivi l-metodi użati sabiex jiġi deskritt il-kampjun u tkun żgurata r-rappreżentabbiltà tal-kampjun	
i1: Valutazzjoni tal-kwalità ġenerali tal-fajls SCV li tirriżulta mit-testijiet, in-nuqqasijiet ewlenin, ir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqasijiet, l-aspettattiva għal żviluppi futuri (kwalitattiva)	

i2: Valutazzjoni kwalitattiva ta' arranġamenti stabbiliti għat-talba u kisba ta' fajls SCV (kwalitattiva)				
i3: Il-ħin għall-ilħuq tat-trażmissjoni ta' fajls SCV, mit-talba sal-istituzzjoni (kwantitattiva)	<i>Numru ta' ġranet. Uri l-minimu u l-massimu kif ukoll il-medju</i>			
i4: Sehem ta' entrati substandard (nieqsa, mhux preċiżi jew li ma fihomx id-dejta meħtieġa għat-trattament u l-ħlas)	<i>Perċentwal bħala sehem tat-total tal-fajls SCV ta' istituzzjoni jew kampjun. Medja tat-testijiet kollha, firxa (minimu u massimu).</i>			
<b>C. TESTIJET TAL-KAPAĊITÀ OPERAZZJONALI</b>				
<i>Iddeskrivi t-testijiet ta' prijorità applikati (xenarji ta' intervent magħżula, tip ta' istituzzjonijiet eċċ.) Kolonna waħda għal kull test.</i>	<i>Ħalliha vojta</i>	<i>Iddeskrivi test 1</i>	<i>Iddeskrivi test 2 jekk hemm</i>	<i>Iddeskrivi test 3 jekk hemm</i>
<i>Valutazzjoni tal-kwalità ġenerali li tirriżulta mit-testijiet, nuqqasijiet ewlenin, raġunijiet għal dawn in-nuqqasijiet, aspettattiva għal żviluppi futuri.</i>	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
1) <u>Access għad-dejta</u>				
a) <u>Informazzjoni dwar depożitanti u depożiti</u>				
i1: Valutazzjoni tal-kwalità ġenerali tal-fajls SCV li tirriżulta mit-testijiet, in-nuqqasijiet ewlenin, ir-raġunijiet ewlenin għan-	<i>Ħalliha vojta</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>

nuqqasijiet, l-aspettattiva għal żviluppi futuri (kwalitattiva)				
i2: Valutazzjoni tal-kwalità tal-arranġamenti stabbiliti għat-talba u l-kisba ta' fajls SCV (kwalitattiva)	<i>#alliha vojta</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i3: Il-ħin għall-kisba tat-trażmissjoni ta' fajls SCV, mill-ġurnata tat-talba lill-istituzzjoni ta' kreditu affiljata (kwantitattiva)	<i>#alliha vojta</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i4: Sehem ta' fajls SCV jew entrati tal-fajls SCV substandard (nieqsa, mhux preċiżi jew ma fihomx id-dejta meħtieġa għall-ipproċessar u l-ħlas) (kwantitattiva)	<i>#alliha vojta</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
<u>b) Informazzjoni dwar problemi li aktarx se jagħtu lok għal intervent ta' SGD</u>				
i5: Il-kwalità tal-arranġamenti stabbiliti għall-kisba ta' informazzjoni minn awtoritajiet kompetenti jew ta' riżoluzzjoni dwar problemi skoperti f'istituzzjoni ta' kreditu li jistgħu jqajmu intervent tal-SGD, inkluż jekk jiżgurawx li jirċievu informazzjoni f'waqtha dwar deterjorament bikri tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni (kwalitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
<u>2) persunal u riżorsi operazzjonali oħrajn</u>				
i6: Adegwatezza tal-persunal eżistenti, baġit u riżorsi oħrajn li	<i>Valutazzjoni ġenerali</i>	<i>Valutazzjoni għal</i>	<i>Valutazzjoni għal</i>	<i>Valutazzjoni għal</i>



kieku jkunu disponibbli f'xenarju ta' ħajja reali (kwantitattiva u kwalitattiva)	<i>jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>test 1</i>	<i>test 2 jekk hemm</i>	<i>test 3 jekk hemm</i>
i7: Adegwatezza ta' persunal addizzjonali, baġit and riżorsi oħrajn li jistgħu jkunu disponibbli b'avviż ta' żmien qasir meta meħtieġa (kwantitattiva u kwalitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
<u>3) Il-komunikazzjoni ma' depożitanti u l-pubbliku ġenerali</u>				
i8: Il-ħin biex jiġu stabbiliti ċentri telefoniċi u siti tal-Internet jew paġni tal-Internet ad hoc (kwantitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i9: Il-kapaċità ta' siti tal-Internet jew ċentri telefoniċi f'termini ta' numru ta' konnessjonijiet jew telefonati (kwantitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
<u>4) Mezzi ta' ħlas</u>				
i10: Ir-reviżjoni ta' strumenti ta' ħlas disponibbli għal xenarji ta' ħlas (kwalitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i11: Adegwatezza meta applikata għal numru kbir ta' ħlasijiet, kif definit fix-xenarji (kwalitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>

5) <u>Perjodu ta' rimborżi u kontribuzzjonijiet</u>				
i12: Għal xenarji ta' rimborż, iż-żmien mid-determinazzjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' depożiti sal-mument meta l-ammont ripagabbli huwa magħmul disponibbli (kwantitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i13: Meta bilanċi għoljin temporanji jew kont benefiċjarju huma allokati fuq bażi kontinwa kif deskritt fil-paragrafu 69 tal-linji gwida dwar testijiet tal-istress tal-SGD, iż-żmien li jgħaddi mid-determinazzjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' depożiti sal-mument meta l-ammont ripagabbli huwa magħmul disponibbli (kwantitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i14: Għal xenarji ta' riżoluzzjoni, il-ħin li jkun għadda mit-talba tal-awtorità ta' riżoluzzjoni sal-ħlas tal-kontribuzzjoni (kwantitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
6) <u>Kooperazzjoni oriġini-ospitanti (mhux obligatorja bħala parti mit-test ta' kapaċità operazzjonali)</u>				
i15: L-abbiltà li jirkupraw informazzjoni SCV allokata dwar depożitanti f'fergħat stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati tagħhom fi Stati Membri oħrajn (kwalitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i16: Iż-żmien biex jiġu prodotti u mibgħuta fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas lil awtoritajiet ospitanti, mit-trażmissjoni ta' fajls SCV sal-	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>

istituzzjoni (kwantitattiva)	<i>wieħed</i>			
i17: Valutazzjoni tal-kwalità ta' kanali għat-trażmissjoni ta' fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i18: Il-konferma minn SGD ospitanti li l-fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas se jkunu adegwati biex iħallsu lura lid-depożitanti	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i19: L-abbiltà li jintlaħqu skadenzi stipulati fil-Linji gwida dwar arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn skemi ta' garanziji tad-depożiti	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
<b>D. TEST TA' KOOPERAZZJONI TRANSKONFINALI OPERATTIVA</b>				
Iddeskrivi testijiet imwettqa matul il-perjodu u li jinvolvu kooperazzjoni transkonfinali.	<i>ħalliha vojta</i>	<i>Iddeskrivi test 1</i>	<i>Iddeskrivi test 2 jekk hemm</i>	<i>Iddeskrivi test 3 jekk hemm</i>
Valutazzjoni ġenerali li tirriżulta mit-testijiet, nuqqasijiet ewlenin, raġunijiet għal dawn in-nuqqasijiet, aspettattiva għal żviluppi futuri.	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i15: L-abbiltà li jirkupraw informazzjoni SCV allokata dwar depożitanti f'fergħat stabbiliti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati tagħhom fi Stati Membri oħrajn (kwalitattiva);	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>

i16: Iż-żmien biex jiġu prodotti u mibgħuta lil awtoritajiet ospitanti fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas, mit-trażmissjoni ta' fajls SCV mill-istituzzjoni (kwantitattiva);	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i17: Valutazzjoni tal-kwalità ta' kanali għat-trażmissjoni ta' fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i18: Il-konferma minn SGD ospitanti li l-fajls ta' istruzzjoni għall-ħlas se jkunu adegwati biex iħallsu lura lid-depożitanti	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i19: L-abbiltà li jintlaħqu skadenzi stipulati fil-Linji gwida dwar arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn skemi ta' garanziji tad-depożiti	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
<b>E. TEST TAL-KAPAĊITÀ TA' FINANZJAMENT</b>				
Iddeskrivi t-testijiet ewlenin (ix-xenarji ta' intervent magħżula, it-tip ta' istituzzjonijiet eċċ.) li jinvolvu ttestjar tal-kapaċità ta' finanzjament	<i>ħalliha vojta</i>	<i>Iddeskrivi test 1</i>	<i>Iddeskrivi test 2 jekk hemm</i>	<i>Iddeskrivi test 3 jekk hemm</i>
Ammont ta' fondi meħtieġa mill-intervent	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>

Iddeskrivi t-taħlita ta' finanzjamenti miksuba fit-test: l-ammont ta' fondi meħtieġa mill-intervent, l-ammont ta' fondi <i>ex ante</i> użati, inkluż l-ammont ta' impenji ta' ħlas mitluba, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet <i>ex post</i> miġbura, l-ammont ta' mezzi ta' finanzjament alternattiv miksuba		<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
Valutazzjoni ġenerali tar-riżultati, nuqqasijiet ewlenin, raġunijiet għal dawn in-nuqqasijiet, aspettattiva għal żviluppi futuri.	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i20: L-adeqwatezza ta' fondi <i>ex ante</i> biex ikopru l-ħtieġa ta' finanzjament (nuqqas f'valur assolut u bħala sehem tal-ħtieġa)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i21: Valutazzjoni kwalitattiva tal-abbiltà tal-SGD li tillikwida assi investiti bħala parti mill-mezzi finanzjarji disponibbli fl-iskadenza	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i22: L-adeqwatezza ta' mezzi ta' finanzjament <i>ex post</i> u alternattivi sabiex ikopru l-ħtiġijiet ta' finanzjament mhux koperti minn fondi <i>ex ante</i> (nuqqas li jibqa' wara li jintużaw il-mezzi ta' finanzjament <i>ex post</i> u alternattivi disponibbli) (kwantitattivi)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>
i23: Valutazzjoni tal-kwalità ta' arranġamenti stabbiliti għall-aċċess ta' mezzi alternattivi ta' finanzjament (l-affidabbiltà, il-kwantità) (kwalitattiva)	<i>Valutazzjoni ġenerali jekk aktar minn test wieħed</i>	<i>Valutazzjoni għal test 1</i>	<i>Valutazzjoni għal test 2 jekk hemm</i>	<i>Valutazzjoni għal test 3 jekk hemm</i>

## Struzzjonijiet

1. Il-mudell attwali għandu jimtela mill-iskemi ta' garanzija tad-depożitu. Għandha timtela formola waħda għal kull SGD.

2. L-SGD jew awtorità maħtura għandhom jibagħtu l-formola mimlija lil [notifications@eba.europa.eu](mailto:notifications@eba.europa.eu) [soġġett għal metodi ta' trażmissjoni oħrajn speċifikati mill-EBA qabel l-iskadenza]

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni hija t-3 ta' Lulju 2019

4. Dan il-mudell iservi għal riżultati tar-rappurtar dwar testijiet ta' prijorità kif previst skont paragrafu 96 tal-linji gwida dwar testijiet tal-istress tal-SGD. Għal kull kategorija taħt dak il-paragrafu, l-SGD jistgħu jwettqu test wieħed jew aktar. Fejn isir aktar minn test ta' prijorità wieħed, ir-riżultati għandhom jiġu rrapportati f'kolonni separati. L-SGD mhumiex mitluba jirrapportaw individwalment dwar aktar minn 3 testijiet.

5. Kull meta hija meħtieġa valutazzjoni kwalitattiva, l-SGD għandhom juru kemm id-deċiżjoni litterali dwar il-kwalità tal-qasam li hija vvalutata, kif ukoll klassifika kwalitattiva bir-riżultati li ġejjin:

A - Ottimali: il-qasam imkejjel ma jeħtieġ l-ebda titjib

B- Tajjeb: il-qasam jippreżenta nuqqasijiet iżda dawn huma iżolati u/jew jistgħu jiġu indirizzati faċilment fil-punt ta' falliment, u aktarx mhux se jaffettwaw l-abbiltà tal-SGD li twettaq il-kompiti tagħha taħt il-kundizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-SGD.

C- Batut: il-qasam jippreżenta nuqqasijiet li aktarx se jikkumplikaw l-abbiltà tal-SGD li twettaq il-kompiti tagħha taħt il-kundizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-SGD, u jeħtieġ titjib [f'dan il-każ uri liema miżuri ttieħdu jew se jittieħdu]

E - Batut ħafna: il-qasam jippreżenta nuqqasijiet gravi li aktarx se jipprevjenu lill-SGD milli twettaq il-kompiti tagħha taħt il-kundizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-SGD u jeħtieġ rimedju immedjat [f'dan il-każ uri liema miżuri ttieħdu jew se jittieħdu]